

# Programm
## tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parrocca tal-Imqabba f'gieh
# SANTA MARIJA
## Patruna tar-Rahal

mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1983

# OXFORD PHOTO STUDIO

7 PAOLA SQUARE — PAOLA

TEL: 28069

Fejn issibu:

- L-AHJAR XOGHOL TA' RITRATTI GHAT-TIEGIJIET
- L-ISBAH RITRATTI GEWWA L-ISTUDIO TAGHNA
- KULL XORTA TA' APPARAT GHAL FOTOGRAFIJA

ISSIBU WKOLL ALBUMS, CAMERAS, BABY ALBUMS, WEDDING ALBUMS, CASETTES RADIOS, CALCULATORS, LEATHER ALBUM

etc.

# OXFORD PHOTO STUDIO

**Dejjem lesti biex jaqduk.**

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Il-festa reġgħet waslet, u magħha wasal ukoll it-taħbit ta' kull xorta. Min jiżboħ jew ibajjad, min itarfar, minn idenqel, min jixtri u jfassal, min ħaġa u min oħra.

Jaslu jiem il-festa u jgħaddu, immorru ġurnata xalata l-baħar jew x'imkien ieħor għal kwiet basta naqtgħu r-rutina tax-xogħol u tal-faċendi; u nerġgħu nibdew inżarmaw. Il-festa għaddiet u rġajna bdejna ħajja normali fil-parroċċa.

Dan kollu jiġri sena wara l-oħra...... dejjem l-istess. U l-mistoqsija li ta' kull sena wkoll tinkwieta lili u lil ħafna oħrajn hija din: "Il-Festa li tasal u tgħaddi kull sena ta' min hi, tagħna jew tal-Madonna? U jekk inhi tal-Madonna, kif il-maġġoranza wisq probabbli li twieġeb, dak li fil-fatt isir fil-festa, qed jogħġob lil Marija jew le? Fi kliem aktar ċar: Marija kuntenta bil-festi għad unur tagħha, jew tippreferi li ma jsiru xejn?"

Biex inwieġbu din il-mistoqsija, rridu naraw l-ewwel x'inhu l-iskop tal-festi u jekk dan qiegħedx jintlaħaq.

L-iskop ewlieni huwa dak SPIRITWALI. Il-festi huma okkażjoni oħra sabiex in-nies jersqu aktar u b'devozzjoni xierqa lejn l-għejjun tal-grazzji li huma s-SAGRAMENTI. U għalhekk, mill-qaddisin, wieħed għandu jasal għal għand KRISTU li huwa r-RAS.

Dan hu l-iskop tat-Tridijiet u l-Paneġirku ta' jiem il-festa. Żgur li mhux biex noqogħdu nisimgħu tifħir esaġerat fuq il-qaddisin, biex imbagħad ħallina nkejlu liema qaddis — jew agħar u agħar, liema madonna — huwa l-akbar. Mentalita' bħal din turi biss moħħ dgħajjef marid bis-sens ta' pika. Għal kuntrarju, wieħed għandu jieħu punti mill-ħajja tal-qaddisin biex jitgħallem dejjem iżjed il-veritajiet importanti tar-Reliġjon.

Jekk qed nagħtu dan is-sens spiritwali lill-festi tagħna, allura nilħqu wkoll skop ieħor li jiġi waħdu...... festi li jgħaqqdu lill-familja kollha tal-Parroċċa flimkien u jgħamluhom FAMILJA waħda taħt RAGHAJ wieħed.

L-iskop mela tal-festi tal-Qaddisin huwa s-SAGRAMENTI u l-GHAQDA bejnietna.

Qiegħed jintlaħaq, jew le? Aħseb ftit b'moħħok u għarbel ftit l-affarijiet. Jekk taħseb li "IVA", itlob iżjed biex il-ġid spiritwali jkompli jikber. Jekk taħseb li "LE", ara x'inhu li qed iġib fix-xejn is-sens spiritwali tal-festi tagħna u staqsi lilek innifsek "x'nista' nagħmel jien biex nirranġa dan in-nuqqas?"

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

*Fr. Willie Vella*

## FARELL
BATHROOM CENTRE

Electrical and Plumbing

Triq is-Sajjied — Żurrieq

Telephone: 822396

## ELLUL WOODWORK – MQABBA
GHALL KULL XORTA TA' XOGHOL TA' APERTURI, AMARA U KOLONNI TAT-TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI.

ELLUL WOODWORK

Valetta Road, Mqabba.

## LINDA STORE
MONS. P.P. SAYDON STREET — ŻURRIEQ.

Prop: Mario Galea Tel: 827215

Issibu dak kollu li tiġu bżonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-aħjar.

- Tnaqqis Speġjali għall-Hlass fil-Pront
- Hlas bin-Nifs Aċċettat Ukoll

## Hal Mann (Vella) Tiles Ltd.
Manager: NAZZARENO VELLA

Mosaic, Marmettone, Roof Tiles,

Resin Marble Slabs, (For floor & Stair Case)

and Synthetic Marble for Skirting Window Sills,, etc.

OFFICE & WORKS

MOSTA ROAD, LIJA — MALTA

Telephone: 45678/42923

## KELMTEJN MILL-PRESIDENT . . .

Inħossni kburi li nista' nesprimi l-idejat tiegħi minn fuq dan il-fuljett, fil-wisq għal-qalb is-Soċjeta' tagħna Re George V. Inħoss li Santa Marija tgħini sabiex inkun nista' inpoġġi dawn l-erba' kelmiet li jien żgur li tagħti l-għajnuna lil min jitlobhiela.

Inwiegħed li nagħmel kull ma nista' sabiex il-festa f'ġieh Santa Marija tkompli tikber. Hawn nixtieq insemmi l-isforz kbir li għamilna sabiex ikollna banda tassew fuq saqajha, li l-lum il-ġurnata qiegħda tieħu sehem f'ħafna okkażjonijiet. Fil-Festa tagħna ġewwa r-raħal ħadet sehem fi tliet programmi li huma ħruġ l-Istatwa, l-Ewwel Tridu u l-Aħħar Tridu. Hadet sehem ġewwa l-Belt Valletta fil-Festa tar-Republika, fil-Festa ta' San Ġużepp f'Hal-Kirkop u fl-Imsida. Dan juri l-progress li għamilna. Nixieq nagħti prosit lil Bandista tassehem li taw u tas-sagrifiċċji li qegħdin jagħmlu speċjalment lil dawk li ħarġu flus kbar sabiex jixtru l-istrument. Min qieh qalbi, flimkien mal-Kumitat, irrid nirringrazzja lis-Surmast George Martin għall-kuraġġ kbir li wera sabiex il-Banda tkompli fit-triq tas-suċċess anke meta dan kien madur u marid serjament.

Ma rridx ninsa lil ex-President is-Sur George Busuttil taxxogħol kbir li għamel għas-Soċjeta' kemm dam jokkupa din il-kariga.

Ta' min isemmi lil dawk li verament iħobbu l-Festa li ħarġu ħafna flus sabiex jaraw il-pedestalli flok ikomplu jitmermru, jiġu rranġati u jinżebgħu b'sengħa kbira. Nirringrazzja lil kull partitarju li b'xi mod jew ieħor ħadem sabiex ikollna aktar suċċess. Fadal ħafna xi jsir, u nispera li bil-koperazjoni ta' kulħadd aħna naslu mingħajr ħafna tbatija. Dan kollu ma jfisser xejn, jekk aħna ma nkomplux nagħmlu l-affarijiet bil-għaqal. Għalhekk nagħmel appell, speċjalment liż-żgħażagħ, biex nirrispettaw lil xulxin, ma' ninqdewx bil-jiem tal-Festa tant għażiża għalina sabiex inkomplu ninfirdu. Fuq kollox din hija Festa ta' devozzjoni lil Santa Marija Mtella' s-Sema. Għalhekk jien u l-Kumitat kollu nixtiequ festa sabiħa lil kulħadd u min qalbna ngħidu:

O Madonna Maria Omm Alla,
B'sinċeria' aħna nħobbuk.
F'din il-festa li qegħdin nagħmlulek
Aħna nwegħduk li ma noffenduk.

---

*Nirringrazzjaw* lid-dilettanti tan-nar tas-sagrifiċċju li għamlu matul is-sena.

Lin-nisa tal-ġbir għall-festa li jagħmlu matul is-sena.

Lill dawk kollha li għenu sabiex il-festa ta' Santa Marija tkompli tikber.

*Nawguraw* lill-Kumitat il-ġdid sabiex ikompli jaħdem u jistinka fl-interess tas-Soċjeta'.

Fil-jiem tal-Festa jsir sparar tal-musketterija, ħruq ta' kaxxi nfernali, beraq pront u murtali tal-kulur. In-nar kollu huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjeta' Santa Marija.

## MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU

Insellem u nistieden lil kulħadd b'mod speċjali lis-soċi u partitarji, sabiex flimkien nifirħu fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija.

Inħoss li f'dawn il-jiem a' ferħ ikun xieraq ħafna li niftakru fil-membri ħabrieka tal-kumitat, fil-ħidma tas-soċi u partitarji inklużi d-dilettanti tan-nar, li b'tant sagrifiċċji u determinazzjoni, jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom ta' matul is-sena għal benefiċċju tas-soċjeta' u għall-festa ta' Santa Marija.

Ikun xieraq ukoll li niftakru fis-soċi u l-benefatturi kollha tagħna għall-ġenerosita' li dejjem urew lejn is-soċjeta' tagħna speċjalment din is-sena li bdejna nagħtu spinta kbira sabiex jinżebaħ parti mill-armar tal-festa li se jkun l-attrazzjoni ta' min jarah, kif ukoll xi ppavaljuni ġodda li se jkomplu jsebbħu t-triqat tar-raħal tagħna fil-festa ta' Santa Marija.

Nieħu l-okkażżjoni wkoll sabiex għan-nom tas-soċjeta' nirringrazzja lid-Direttur tal-Banda li bil-ħidma tiegħu, il-banda tagħna setgħet tieħu spinta kbira 'l quddiem b'numru sabiħ ta' bandisti tal-lokal u b'hekk qegħda tagħti s-sehem tagħha fil-festa tagħna u anke bdiet tagħti s-servizz barra mir-raħal.

Inħoss li nkun qed nonqos jekk fl-aħħarnett ma niftakarx ukoll f'dawk sħabna li s-sena l-oħra ferħu magħna fil-festa u llum ma jistgħux jifirħu magħna jew għax il-Mulej għoġbu jsejħilhom, jew gax jinsabu morda.

Il-festa ta' Santa Marija reġgħet magħna, pero' noqgħodu attenti li l-ferħ tagħna waqt il-briju, jagħmel unur lilna kemm bħala soċi u partitarji, kif ukoll bħala nsara, sabiex b'hekk Santa Marija, li għaliha qed niċċelebraw dawn il-festi, tberikna mis-sema u tifraħ magħna.

Il-festa t-tajba lil kullħadd.

*Reno Sciberras*
*Segretarju*


**JOSEPH GRECH & SONS**

**Tel: 827860**

(FRIDA TRANSPORT SERVICE)

u għall xogħol ta' għorik ta' Madum

Irrikorru:

**"Frida House",**

**42 St. Basil Street — Mqabba.**

## FESTI TA' BARRA:

### Is-Sibt, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina.

8.00 p.m. Mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja u tal-Każin King George V.

### It-Tlieta, 9 ta' Awissu — Hruġ tal-Istatwa.

8.00 p.m. Toħroġ l-istatwa artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Wara li l-Banda King George V tilqa' l-istatwa bl-'Ave Maria' u Marċi brijużi tiftaħ il-Festa billi tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal bil-marċi. Isir ħruq ta' murtali.

### Il-Hamis, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Tridu.

8.15 p.m. Il-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija, King George V tagħmel marċi mat-toroq tar-Raħal.

### Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu — It-Tieni Tridu.

8.15 p.m. Il-Banda Beland taż-Żejtun tferraħ it-toroq tar-Raħal b'marċi brijużi.

### Is-Sibt, 13 ta' Awissu:

8.15 p.m. Il-Banda King George V tagħmel il-marċ tradizzjonali fost briju kbir tal-partitarji. Wara l-marċ isir ħruq ta' logħob tan-nar.

### Il-Hadd, 14 ta' Awissu — Lejliet il-Festa.

7.30 p.m. Marċi mar-raħal mill-Banda Unjoni ta' Hal-Luqa.

9.00 p.m. Marċi brijużi mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

9.15 p.m. Hruq ta' murtali tal-kulur u beraq pront.

10.30 p.m. Hruq ta' logħob tan-nar artistiku.

### It-Tnejn, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa.

6.00 p.m. Il-Banda Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-Raħal u wara jesegwixxu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Queen Victoria ddoqq 'Innu lil Marija Assunta', kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus., LCM., SMOSJ. Ikantaw it-Tenur Joe Huber L.R.S.M. u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet tal-istess Soċjeta'.

## FESTI TA' ĠOL-KNISJA

### Is-Sibt, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### It-Tlieta, 9 ta' Awissu — Hruġ ta' l-Istatwa.

8.00 p.m. Isir il-Hruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija. Kant l-Innu Ave Maris Stella u Antifona.

### Il-Hamis, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Kan. Joseph Portelli, bl-Omelija "Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem".

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu.

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Kan Prep. Joseph Bonello bl-Omelija 'Marija, Sultana tas-Sema u l-Art'.

7.15 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

### Is-Sibt, 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu.

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata speċjali għall-Morda u l-Anzjani mill-W.R. Mons. Adolf Agius, bl-Omelija 'Marija Saħħa tal-Morda'. Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

7.45 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

### Il-Hadd, 14 ta' Awissu — Lejliet il-Festa.

8.30 a.m. Quddies Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Willie Vella. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Translazzjoni solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Mons. Kan. Prep. Injazju Sciberras Psaila, J.U.D. Quddiesa solenni minn P. Joseph Ghigo S.J. Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### It-Tnejn, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa.

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Kan. Prep. Injazju Schiberras Psaila J.U.D., li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m. 11.30 a.m. u 12.30 p.m. Quddies.

6.00 p.m. Sekondi Vespri solenni mill-W.R. Mons. Kan.

Prep. Injazju Sciberras Psaila J.U.D., Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**N.B.** (1) Is-Sibt, lejlet lejliet il-Festa, filgħodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

(2) Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P.

## It-Tnejn, 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa.

7.00 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

---

## Rendikont:—

## FESTA TA' SANTA MARIJA — 1982

### Dħul:

| | £M c. m. |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | 11.81.7 |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | 470.00.0 |
| Offerti fl-envelopes fl-Uffiċċju | 134.61.0 |
| Riklami u offerti oħra | 43.00.0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 28.00.0 |
| Ġabra speċjali fil-Knisja | 76.10.0 |
| Dħul Totali | 763.52.7 |

### Hruġ:

| | £M c. m. |
|---|---|
| | 251.50.0 |
| Personel barrani | 65.00.0 |
| Stampar ta' programmi | 45.00.0 |
| Fjuri | 14.30.0 |
| Organista | 31.00.0 |
| Daqq ta' qniepen/anterni/Standardi/Salib | 30.00.0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja/Kampnar/Koppla | 234.00.0 |
| Konsum ta' l-elettriku | 80.00.0 |
| Trasport barrani | 8.00.0 |
| Hruġ Totali | 758.80.0 |

| | £M c. m. |
|---|---|
| Dħul | 763.52.7 |
| Hruġ | 758.80.0 |
| Bilanċ għal din is-sena | 4.72.7 |




## RESTAWR TA' L-ARMAR TAL-FESTA TA' STA. MARIJA

In-nies li s-soltu jiġu l-Imqabba għall-festa żgur li ser ikolhom fuq xiex jitkellmu waqt li jkunu fil-pjazza. Dan għaliex din is-sena beda x-xogħol ta' restawr ta' l-armar. Fih innifsu diġa' huwa ta' valur artistiku, iżda żgur li bix-xogħol meraviljuż li sar fuqu din is-sena ser nisimgħu ħafna min jikkummenta fuqu ma' Malta kollha.

Tifħir ħaqqu John Pace taż-Żejtun li rnexxielu jagħti dehra tal-għaġeb lill-pedestalli. Iżda dan ma kienx ikun possibli li ma sarx ħafna xogħol ta' tiswija minn ħafna partitarji taħt it-tmexxija għaqlija ta' Joe Sciberras u Innocent Farrugia. Tifħir ħaqqu wkoll Rożario Zammit li ta ħajja ġdida lill-Appostli.

Ikun xieraq, pero', li ngħidu xi ħaġa fuq il-bidu ta' l-armar għax mhux sewwa nieħdu l-mertu aħna u ninsew min kien responsabbli li dawn saru bejn l-1920 u l-1923.

Wara li saru l-erba' trofej kbar, il-partitarji ġew imħeġġa minn Baskal Gauci u Ġiovanni Zammit sabiex l-armar jiżdied u wrew ix-xewqa li jsiru l-istatwi tat-Tnax l-Appostlu, Sant' Anna u San Ġwakkin, sett ta' Anġli u fl-aħħarnett l-Inkoronazzjoni tal-Madonna. Ħafna soċji taw is-sehem tagħhom pero' żgur li ħadd daqs il-mibki ex-President Ġanni Ghigo li ħa ħsieb l-iskultura tal-pedestalli ta' l-Appostli. L-istatwi tal-kartapesta, li ġew imfaħħra anke minn nies esperti f'dan ix-xogħol, ġew magħmula mill-espert Mastru Karm Mallia minn Ħal-Qormi, li ħadimhom fuq id-disinn tal-famuż Darmanin. Il-ħlas tal-istatwi kien: Appostli — £18, Sant'Anna u San Ġwakkin — £5 u l-Anġli — £12.

IL-KUMITAT


**JULIUS FURNITURE**

**NAHDMU:**

- MAIN/SPAIR BEDROOMS TA' KWALITA' GHOLJA;
- KITCHEN UNIT TAL-FORMICA JEW PITCH-PINE;
- POĠĠAMANI BIL-BALAVOSTRI TAL-KEWBA;
- BIBIEN TAL-IROKO JEW KEWBA, etc.

Irrikorru:

**30 LUQA IND. ESTATE — LUQA**

**TEL: 784243**

(Faċċata tal-Country Hotel)

jew:

**'Wenty House',**

**MISRAH FIDWA — MQABBA.**



## PEDESTALL TA' L-INKORONAZZJONI

Nixtieq hawn infakkru li l-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni din is-sena jagħlaq 60 sena. Dan ukoll huwa wirt nies magħrufa f'dan ix-xogħol. Sar fuq disinn tal-famuż Surmast Abram Gatt bit-tħabrik tal-ex-President Ġanni Ghigo u sħabu tal-Kumitat li ħasbu għall-finanzi. Xtaqna kieku messitu l-istess xorti tal-pedestalli tal-Appostli li ġew restawrati, iżda ż-żmien ma ppermettiex. Iżda aħna fiduċjużi illi wara li jaraw ix-xogħol li sar, il-partitarji jirsistu sabiex ix-xogħol jitkompla biex b'hekk inkomplu nkabbru kif jixraq il-Festa ta' Santa Marija.

IL-KUMITAT

# EXPRESS ALUMINIUM

Manufacturers Anadised; Aluminium Arched, Sliding and Opening Doors, Windows, Shops, Balustrades and Facades.

Workshop: Tel: 641078
Siġġiewi Road — Zebbuġ
Residence: Tel: 646737

# LEDA

**53, TOWER ROAD — SLIEMA. TEL: 35202**

Dealers:

IN FANS, POTS AND PANS, ELECTRIC KETTLES, CRYSTAL AND OTHER HOUSEHOLD APPLIANCES.

# JOSEPH SCIBERRAS

**IRONMONGERY STORE**
**BURAFATO STORE**

BUILDING MATERIALS CEMENT AND TOOLS

**TEL: 897912**

**"My Nest", WILGA STREET — LUQA**

# BARBARA PRESS

**BARĊELLONA LANE — ZURRIEQ**
**TEL: 829629**

**L-istamperija li toffrilek l-aqwa inviti moderni taż-żwieġ u l-għerusija, santi tal-Griżma u tal-Preċett Aħna nġibulek l-albums ta' l-inviti d-dar u nwaslulek l-ordni lesta, jekk iċċempel dan in-numru: 829629.**

## INSELLMU LILL-BANDISTI ĠODDA . . .

Din is-sena, b'entużjażmu u kuraġġ kbir is-Sur Leonard Farrugia, u s-Sur Vince Sciberras, Assistent Surmast u delegat tal-Banda rispettivament, taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast tagħna, Chev. George Martin A. Mus., L.C.M. tħabtu kemm felħu sabiex din is-sena jirregalaw sebgħa bandisti ġodda lill-Banda tagħna. Is-Soċjeta' tapprezza ħafna x-xogħol li sar u j'Alla żgħażagħ oħrajn jitħajru jitgħallmu strument talbanda, għax barra milli hija xi ħaġa kulturali, tgħin ħafna sabiex il-Festa ta' Santa Marija tkompli tikber.



BIL-WIEQFA: (Mix-xellug għal-lemin): Mario Vassallo (Tamburro), Christopher Spiteri (Trumpet), Ġino Farrugia (Althorn), Joe Farrugia (Trombone), Lonzu Mifsud (Basso). BIL-QIEGHDA: Stella Galea (Klarinett), Leonard Farrugia Assistent Surmast, Chev. George Martin A.Mus., L.C.M. Surmast, u Noel Galea (Klarinett).

---

N.B. Sett ta' marċi ġodda u l-Innu lil Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq Cable Radio nhar il-Festa fl-10.00 ta' fil-għodu. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin L.Mus., L.C.M.

# ZAMMIT PHOTO STUDIO

ZURRIEQ CENTRE — ZURRIEQ

Tel: 820010

Agents for:

- KEYSTONE CAMERA
- COLORAMA COLOUR FILMS

Book your Wedding, Engagement, Baptism, Parties by appointment

**FILMS, STUDIO PHOTOS,**
**I.D. PASSPORT PHOTOS**
**DEVELOPING & PRINTING FILMS**

FREE FILM SERVICE

# Combined C.T.C. Trades Centre

SALJATURA STREET — MQABBA

(Fuq il-Mentna)

MACHINERY — TOOLS — BOLTS & NUTS —

For all your tools requirements:

Spraying equipment, electric motors, welding sets, Battery chargers, water & conduit dices & stock. Domestic water pumps & Power tools, metric & English taps & dices, personal safes & security locks and many other tools.

# KRISTIANNE

MATTIA PRETI SQR. — ZURRIEQ

ZURRIEQ.

Stockists:

- Household Goods
- Perfumes
- Baby Foods etc.
- Cosmetics

Tel: 827391

## Lill-Gran Verġni Marija Omm Tagħna l-Imqabbin

Ja Sultana minn tas-sema
Ja Omm tagħna l-Imqabbin
Minn ġos-sema itlob għalina
Quddiem ibnek tant ħanin
Inti l-Omm ta' min ħalaqna
Bħala omm tagħna l-bnedmin
Itfa' l-ħarsa minn tal-ħniena
Fuqna wliedek midimbin.
O Marija, Qalb ħanina
Nitolbuk, tidħol għalina.

Kun għalina sejf u tarka
Żomna miegħek imħaddnin
Għallimna ngħarfu s-sewwa
u naħarbu il-ħażin.
Ja Gran Verġni min tas-sema
Tħalliniex naqgħu fid-dnub.
Tħalliniex noffendu lilek
U lil ibnek tant maħbub.
O Marija Qalb ħanina
Nitolbuk, tidħol għalina.

Marija Omm ta' min ħalqek
Sultana tal-Qaddisin
Xerred il-barka minn tiegħek
fuq uliedek l-Imqabbin.
O Marija Omm imqaddsa
imħabba tagħna nagħtuk
Hudna miegħek ġewwa
l-ġenna
Biex għal dejjem inħobbuk.
O Marija qalb ħanina.
Nitolbuk tidħol għalina.

Taħt il-glorjuż mantel'
tiegħek
Żommna taħtu misturin
Int kun tagħna l-avukata
Quddiem l-imħallef divin.
Ja Sultana min ta' Anġli
Ja omm Alla tant ħanin
Minn ġos-sema itlob għalina
aħna wliedek l-Imqabbin.
O Marija, Qalb ħanina
Nitolbuk, tidħol għalina.

France Fenech

Barbara Press, Barcelona Lane, Zurrieq. Tel. 829629